# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tat-Tlieta 9 ta' Lulju 2024**

**Talba nru. 27/2024**

**DR. JEAN PAUL SAMMUT**
**(KI 0550079M)**

*VERSUS*

**KARL STAGNO NAVARRO**
**(KI 364770M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fit-13 ta' Frar 2024 l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erbat elef sitt mija u erbgha Ewro tlieta u tletin centezmu (Eur 4604.33) liema ammont jirraprezenta servizzi professjonali li l-attur renda lill-konvenut.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fl-20 ta' Marzu 2024. MInkejja dan, il-konvenut baqa ma ressaq l-ebda risposta fiz-zmien moghti mil-ligi. Il-konvenut lanqas deher ghas-seduti tal-15 t'April 2024 u dawk sussegwenti sabiex iwiegeb ghall-pretizi attrici.

Ra illi fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2024, it-Tribunal, fin-nuqqas ta' dehera min-naha tal-konvenut u ta' risposta, iddikjara illi l-konvenut kien kontumaci, skond id-dispozizzjonjiet tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-istess udjenza, l-attur ressaq nota anness maghha affidavit tieghu kif ukoll diversi dokumenti in sostenn ta' l-affidavit.

Ra illi l-attur iddikjara li ma kellux iktar provi.

Ra id-dokumenti prezentati.

Ra l-atti processwali.

Ikkunsidra

Illi fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2024, l-atturipprezenta x-xhieda tieghu. L-attur ighid illi l-konvenut kien klijent tieghu u li kien assistih diversi drabi bhala avukat. Minbarra dan, l-attur sahansitra hallas xi flejjes ghan-nom tal-konvenut liema ammmonti kienu dovuti mill-konvenut a favur ta' terzi persuni.

L-attur jelenka l-ammont mitlub minnu fl-affidavit tieghu s-servizzi moghtija lill-konvenut b'dan il-mod: -

"a. Fattura servizzi legali – Jean Schembri vs Karl Stagno Navarra – Ewro 1,203.00
b. Fattura flus imhallsa f'isem - Ewro 800.00
c. Spejjez Legali u Gudizzjarji – Ewro 1,512.11
d. Fatturi mahdumin b'interessi sa' l-10 ta' Gunju 2024."

Fir-rigward tas-servizzi moghtija fil-kawza "Jean Schembri vs Karl Stagno Navarro" l-attur ipprezenta il-fattura li kien baghat lill-konvenut bl-ammont ta' Eur 1203.00. L-istess fattura giet prezentata fl-ammont ta' Eur 800.00 ghal flus imhallsa ghan-nom tal-konvenut u fl-ammont ta' Eur 1512.11 ghal spejjez gudizzjarji. Flimkien ma' dawn id-dokumenti, l-attur ipprezenta fattura ohra datata 10 ta' Gunju 2024 fl-ammont ta' EUr 1285.41 ghal interessi fuq l-ammonti li kienu dovuti.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi l-konvenut baqa ma ressaqx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva pprezentata mill-attur, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi anke fuq ammissjoni tal-konvenut stess fic-chats pprezentati ma' l-affidavit, ma hemm l-ebda dubju illi l-attur renda servizzi lill-konvenut. Fil-fatt fic-chats pprezentati, l-konvenut kemm-il darba wieghed illi kien ser jaghmel il-pagamenti izda baqa qatt ma hallas. Illi l-attur sahansitra pprezenta dokumentazzjoni sabiex juri d-diversi atti gudizzjarji li gew pprezentati ghan-nom tal-konvenut. Dan it-Tribunal ma jistax izda jaqbel ma' l-attur fuq l-ammont ta' Eur 1285.41 li jirraprezentaw interessi fuq l-ammonti mitluba. Dan ghaliex kif muri mid-dokument ipprezentat f'pagna 6 ta' l-affidavit tieghu, l-attur hareg dan il-kont fil-mori ta' din il-kawza, precizament lejliet il-prezentata ta' dan l-affidavit u cioe fl-10 ta' Gunju 2024. Ma jidhirx illi l-konvenut qatt kien infurmat b'xi interessi li kienu qed jiddekkorru fuq l-ammonti dovuti.

Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur huwa dovut l-ammont ta' tlett elef hames mija u hmistax-il Ewro u hdax-il centezmu (Eur 3515.11) u dan ghas-servizzi professjonali li huwa ta lill-konvenut.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-attur u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha limitatament fl-ammont ta Eur 3515.11.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' tlett elef hames mija u hmistax-il Ewro u hdax-il centezmu (Eur 3515.11) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' ta' tlett elef hames mija u hmistax-il Ewro u hdax-il centezmu (Eur 3515.11) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-13 ta' Frar 2024 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur